**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' April 2019.**

**Rikors nru: 53/18 AGV**

AB (420181M)

Vs

CD (138078M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrentiipprezentat fil- 5 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti :-

1. Illi minn daz-zwieg twieldu tlett itfal, EF li twieled nhar it- 2 ta' Novembru 1999, li huwa maggorenni, u GH li twieldet nhar l- 1 ta' Novembru 2005

u IJ li twieldet fid- 29 ta' Jannar 2009 (Ara Dok. A u B rispettivament) ilkoll minorrenni;

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet sfaxxa u permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Alexandra Micallef datat 24 ta' Mejju 2016, il-partijiet irregolaw il-kura u kustodja, manteniment u access ghall-uliedhom (Ara Dok C);
3. Illi l-esponenti regghet fethet proceduri ta' medjazzjoni sabiex jigu riveduti l-kawsoli rigward l-access tal-imsemmija minuri favur il-konvenut fost affarijiet ohra, u dan minhabba li l-konvenut kien vjolenti fil-konfront ta' uliedu fil-hin tal-access tant illi nhar il- 25 ta' Settembru 2017, huwa kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) (Ara Dok D).
4. Illi sussegwentament, l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b' dil-kawza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet datat 5 ta' Frar 2018, (Ara Dok. E).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

i. Tawtorizza lill-esponenti tiehu decizjonijiet kollha rigward sahha u edukazzjoni tal-minuri GH u IJ ahwa D, minghajr il-kunsens tal-konvenut;
ii. Tvarja l-access kif stipulat fil-kuntratt li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Alexandra Micallef, datat 24 ta' Mejju 2016 sabiex l-access ikun sospiz jew li l-konvenut ikollu access taht supervisjoni tal-Agenzija Appogg, u dan wara li jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri, anke tramite' ta' assessments appoziti, tenut kont l-agir agressiv tal-konvenut u l-vizzju tal-alkohol u d-drogi;
iii. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri GH u IJ ahwa D, fosthom izda mhux

limitatament, dwar kif ghandu jigi regolat is-safar u l-hrug ta' passaporti tal-minuri, b' dan illi l-passporti ghandhom jinzammu u jinhargu mill-esponenti minghajr il-kunsens tal-konvenut; u dan taht kull provvediment xieraq u opportun joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

iv. Tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-esponenti, u jekk din l-Onorabbli Qorti thoss il-htiega, din l-Ordni tigi estiza a favur it-tlett itfal tal-esponent EF, GH u IJ ahwa D, u l-membri tal-familjari taghha.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut CD debitament notifikat fis- 26 ta' Marzu 2016, ma ressaqx risposta.

F'dan il-process xehdu l-Ufficjal tal-Probation tal-konvenut CD, Maria Mifsud, kif ukoll l-Ispetturi Sylvana Gafa' u Kylie Borg. Xehdu wkoll Anna Borg Bartolo, li segwiet lil wahda mit-tfal, f'sessjonijiet ta' terapija, u Ruth Cassar Bonanno, mill-Agenzija Sedqa. Fi ftit kliem, dawn ix-xhieda ghamlu riferenza ghal diversi rapporti li saru mill-attrici fil-konfront tal-konvenut, u ghamlu riferenza wkoll ghas-sentenzi li kienu nghataw mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tieghu. Xehdu dwar l-incidenti li kienu esposti ghalihom il-minuri, u dwar l-andament tas-sorveljanza waqt il-probation order. Xehdu wkoll Maria Gilson u Pauline Camilleri, li esebew kopja tar-rapporti taghhom, dwar assistenza moghtija lil wahda mill-minuri u lill-attrici.

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit tal-attrici, esebit fit-18 ta' April, 2018, u dak ta' omm l-istess attrici, KL, esebit fis-6 ta' Novembru, 2018.

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg, esebit fit-30 ta' Jannar, 2019.

Rat ukoll l-atti tal-Medjazzjoni numru 1815/16, 1634/17, u 170/18, b'mod partikolari d-digrieti moghtija fit-30 ta' Novembru, 2017 u fil-5 ta' Frar, 2018, kif ukoll l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga fit-30 ta' Novembru, 2017.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-provi mressqa mill-attrici mhux talli ma gewx kontradetti mill-konvenut – li gie dikjarat kontumaci – izda gew anke ikkorroborati minn xhieda ohra prodotti mill-attrici li kienu intervjenew u assistew kemm lill-istess attrici kif ukoll lill-minuri. Dawn kollha taw stampa tal-ambjent kif kienu jghixu l-attrici w uliedha mal-konvenut, ambjent ta' vjolenza domestika ta' l-oghla livell ta' periklu. Il-Qorti m'ghandkiex ghalfejn tirrepeti hawnhekk id-diversi incidenti li xehdu fuqhom il-professjonisti kollha prodotti mill-attrici. L-anqas ma hemm ghalfejn jigi ripetut il-kontenut tar-rapporti illi saru lill-Pulizija, u li fuqhom kienet ittiehdet azzjoni kontra l-konvenut, u fejn anke instab hati u serva pieni ta' prigunerija. L-anqas m'hu ser jigi riprodott il-kontenut tar-rapporti tal-professjonisti li assistew lill-ulied il-partijiet, li minn ezami tal-istess dokumenti, huwa evidenti ferm li dawn sofrew trawma konsiderevoli, li ghadhom ibatu minnha.

Fis-sottomissjonijiet taghha, l-attrici taghmel riferenza ghall-Iskeda annessa mal-Kap 581 tal-Ligijiet ta' Malta, dak komunement maghruf bhala l-'Istanbul

Convention', fejn id-drittijiet tal-vittmi ta' vjolenza domestika ghandhom jigu mharsa b'kull mod possibbli, u l-Qorti ghandha tassigura ruhha li tali persuni ghandhom jinghataw il-proetzzjoni kollha li tippermetti l-ligi. Fl-istess nota taghmel riferenza wkoll ghall-Artikoli 56A u 57 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'riferenza ghall-access ta' genitur versu wliedu minuri. Huwa ghal dawn ir-ragunijiet li l-Qorti sejra wkoll tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kif mitluba mill-attrici fit-talbiet taghha, liema ordni sejra tigi applikata w estiza ghall-attrici w ghat-tlitt ulied. Inoltre, il-Qorti sejra wkoll taghti provvediment fejn l-access tal-ulied minorenni, apparti li ser jigi sospiz b'effett immedjat, ghandu jigi rivedut kull sitt xhur, bil-ghan li l-konvenut jerga' jibda jara lit-tfal tieghu, ladarba jkun fehem li l-imgieba tieghu ghandha tinbidel b'mod drastiku, kemm ghall-gid tieghu stess kif ukoll – u aktar important minn hekk – ghall-gid ta' wliedu stess.

**DECIDE**

Ghalhekk il-Qorti taqta' w tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha attrici u konsegwentement:

i. Tawtorizza lill-attrici tiehu d-decizjonijiet kollha rigward sahha u edukazzjoni tal-minuri GH u IJ ahwa D, minghajr il-kunsens tal-konvenut;

ii. Tvarja l-access kif stipulat fil-kuntratt li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Alexandra Micallef, datat 24 ta' Mejju 2016, u b' hekk tordna f'dan l-istadju li l-access tal-konvenut versu l-minuri jkun sospiz;

iii. Tappunta lill-Agenzija Appogg sabiex izommu kuntatt mal-konvenut u mal-minurti biex kull sitt xhur jigi rivedut is-sospensjoni tal-access, liema access jista' jerga' jibda jigi ezercitat mill-konvenut meta l-Agenzija Appogg, permezz ta' rikors lil din il-Qorti, taqbel li tali access huwa fl-interess tal-minuri li jerga' jibda jigi hekk ezercitat;

iv. Tawtorizza lill-attrici tapplika u tottjeni passaport ghall-minuri GH u IJ ahwa D, b' dan illi l-passporti ghandhom jinzammu u jinhargu mill-attrici minghajr il-kunsens tal-konvenut;

v. Tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-attrici, kif ukoll favur it-tlett itfal EF, GH u IJ ahwa D, u l-membri tal-familja taghha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**